SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 36b/K6/10

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 26/10/'10 265**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/10/'10 320**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Ottubru 2010.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marisa Micallef.

1.04 Skuzata: Il-Kunsilliera Irene Borg

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-15 ta' Ottubru 2010. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Bye Laws - Dwar Armar ta' Għamara fuq Bankini f'San Ġiljan u Sewqan ta' Roti fuq l-istess Bankini
4. Kumpless Dun Anton Sciberras Ta' Giorni
5. Aġġornament - Kwotazzjoni - Għall-preparazzjoni tas-*Sustainable Energy Action Plan* (SEAP)
   Tender - A Period Contract of Upkeep and Maintenance of Access Roads and Access only and Pedestrian Streets
   - Resurfacing of Roads by Public Private Partnership
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

### Minuti - Kunsill

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 35/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 35/K6/10.

1.3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Qabel kompliet il-laqgħa ċ-Chairman aċċenna għad-diskors li ntqal fuq certu medja fil-ġranet li għaddew wara li ma saritx il-laqgħa tal-Ħamis 21 ta' Ottubru. Hu nforma lill-Kunsill li sakemm sar il-ħin sabiex tiġi ddikjarata magħluqa l-laqgħa, minħabba li ma kienx hemm quorum, għamel kuntatt telefoniku mal-Kunsilliera fejn irriżulta li

żewġt kunsilliera kienu morda, wieħed inqabad xogħol u persuna oħra nqabdet l-ajruport.

1.3.06 Iċ-Chairman qal dan kollu sabiex jiġi ċċarat il-punt li ma hemm l-ebda disgwid fil-Kunsill jew bejn il-kunsilliera.

1.3.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 5064& 5101 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward tnaqqis mill-allokazzjoni finanzjarja. |
| 5123 | Email mingħand Intelithink rigward it-Tender tas-Sustainable Energy Action Plan |
| 5185 | Email mingħand l-Awtorita tat-Turiżmu rigward *Pedestrian Zone* f'Paceville. |
| K1291& 5269 | Rapport mingħand is-Solidbase rigward il-moviment immarkat fil-*crack monitors*, flimkien ma' ittra li ntbagħtet lill-Perit Stephen Farrugia. |
| 5350 | Ittra mingħand Ta' Giorni Wolves FC rigward aċċess għall-grawnd darbtejn fil-ġimgħa. |
| 5383 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ir-risposta għal Memo 126/2010 - Attivatijiet fil-Lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund. |
| 5437 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward it-Tender tal-Ġbir ta' Skart Domestiku. |
| 5465& K1352 | Email mingħand il-MEPA rigward id-deċizjonijiet li ttieħdu l-bieraħ mid-Development Control Commission, flimkien ma' l-email li ntbagħtet lill-MP&DC rigward l-*Urban Improvement Fund*. |

5315,5459
K1346,5520 Korrispondenza rigward il-Life Long Learning Courses.

5486 Email mingħand il-Kunsillier Edgar Montanaro rigward talba sabiex is-sistema tat-traffiku fi Triq is-Sajjieda tibqa' *One Way* wara li jitlesta l-progett ta' Wied Ghomor.

5537& Korrispondenza rigward ħsarat fi Triq Birkirkara, San
K1378 Ġiljan.

5543 Email mingħand Adrian Coppini rigward *parking bays* u xogħlijiet fuq il-bankina fi Triq Furtu Selvatico.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 5465

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand il-MEPA rigward id-deċiżjonijiet li ttieħdu fl-20 t'Ottubru 2010 mid-*Development Control Commission* u l-Kunsill ġie nfurmat illi:-

- Inħareġ il-permess, P.A. No. 2142/09 sabiex in-naħa tal-Kavallieri Hotel jkun aktar aċċessibli għal min jagħmel użu mis-siġġu tar-roti.

- Il-Perit reġa' ġie nfurmat sabiex issir l-applikazzjoni lill-MEPA għal fondi tal-*Urban Improvement Fund* (rif. K1352/251&171b/10).

Rif. Nru. 5486

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Edgar Montanaro rigward talba sabiex is-sistema tat-traffiku fi Triq is-Sajjieda tibqa' *One Way* wara li jitlesta l-proġett ta' Wied Ghomor u għas-*centre strip* ta' ħdejn il-*pelikan lights* ta' Triq Sant'Andrija, hekk kif toħroġ minn Triq Ivo Muscat Azzopardi, ġie deċiż unanimament illi jiġi ssuġġerit lit-Trasport Malta sabiex:-

- Wara li jitlesta l-proġett ta' Wied Għomor, Triq is-Sajjied tibqa' *one way traffic.*

- Is-*centre strip* ta' ħdejn il-lights ta' Paceville, hekk kif toħroġ minn Triq Ivo Muscat Azzopardi, tiqsar u jitneħħew it-tabelli u l-marki tat-toroq sabiex il-vetturi jkunu jistgħu jaqsmu minn Triq Ivo Muscat Azzopardi għan-naħa tal-*pelikan lights* ta' Triq Sant'Andrija.

Rif. Nru. 5537

2.04 B'riferenza għall-email mingħand il-GO rigward ħsarat fi Triq Birkirkara, iċ-Chairman informa lill-Kunsill li skont il-Kuntrattur Fix All Ltd. ma jinżilx aktar minn sitt pulżieri, l-għoli tal-kurduna, biex jagħmel il-kanna u għalhekk intbagħtet ittra lill-Avukat Stefano Filletti sabiex tittieħed l-azzjoni neċessarja.

Rif. Nru. 5543

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand Adrian Coppini rigward *parking bays* u xogħlijiet fuq il-bankina fi Triq Furtu Selvatico. Wara diskussjoni qasira ġie deċiz unanimament illi l-email tintbagħat lill-MP&DC sabiex jigwida lill-Kunsill x'jista jsir u jekk il-bankina għandhiex issir minn sid il-binja jew mill-Kunsill.

**3 Bye Laws – Dwar Armar ta' Għamara fuq Bankini f'San Ġiljan u Sewqan ta' Roti fuq l-istess Bankini**

3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għal Bye-Laws dwar Armar ta' Għamara fuq Bankini f'San Ġiljan u Sewqan ta' Roti fuq l-istess Bankini (Ara Appendici 'A').

3.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Bye-Laws kif ġew ippreżentati.

3.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05 Kopja ta' dawn il-Bye-Laws ser jintbgħatu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

**4 Kumpless Dun Anton Sciberras Ta' Giorni**

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li għadu ma nħariġx il-*compliance certificate* mill-MEPA u li bħalissa mhux qed jinħarġu permessi biex jintuża il-grawnd.

4.02 Ġie deċiż unanimament li l-MP&DC jiġi nfurmat biex iżomm lill-Kunsill aġġornat dwar il-*compliance certificate.*

4.03 Il-Kunsill ġie nfurmat illi qatt ma ġie konkluż it-tender li kien nħareġ għat-tmexxija tal-kumpless Dun Anton Sciberras f'Ta' Ġiorni.

4.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi wara li jinħareġ il-*compliance certificate* u l-Kunsill jingħata s-servizz ta' l-ilma mill-*Water Services Corporation* jinħareg tender għat-tmexxija ta' dan il-kumpless, b'dawn il-kondizzjonijiet:-

a. bejn l-4.00 p.m. u s-6.00 p.m. dan il-grawnd ikun għad-dispożizzjoni tal-Kunsill.

b. Min jieħu t-tender ikun responsabbli għal kollox, jigifieri għall-ħlas tad-dawl u l-ilma, tindif tal-kumpless kollu, tbattil u tindif ta' bins, manutenzjoni kollha, eżempju żebgħa, fixtures, fittings eċċ. u li l-kumpless jinżamm fl-istess kundizzjoni li jkun ħadu.

c. Il-ħinijiet tal-ftuħ u l-għeluq jigi stabilit mill-Kunsill qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt.

d. Il-kuntrattur irid ikun irreġistrat mad-Dipartiment tal-VAT u kopja taċ-ċertifikat għandha tingħata lill-Kunsill qabel jiġi ffirmat il-kuntratt.

e. Il-kontijiet tad-dawl u l-ilma jirċevihom il-Kunsill u jiġu mmedjatament mgħoddija lill-kuntrattur. Il-Kuntrattur għandu jgħaddi l-pagament ta' dawn il-kontijiet lill-Kunsill sa ġimgħa mid-data tal-kont. F'każ li dan ma jsirx, il-Kunsill jirriserva d-dritt li jwaqqa' l-kuntratt; Il-kuntrattur ma jistax idaħħal servizzi oħra mingħajr il-permess tal-Kunsill. Din it-talba għandha ssir bil-miktub.

f. Għandha ssir garanzija bankarja ta' €9,318 biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li ma jasalx għalihom il-kuntrattur.

g. F'kaz li jkun hemm 'sub-contractors' dawn iridu jiġu approvati mill-Kunsill u jkollhom il-liċenzji kif mitluba mil-ligi.

h. Il-Kuntrattur u 'sub-contractor' għandhom jippreżentaw il-kondotta tal-pulizija.

i. Il-Kuntrattur irid ikollu polza ta' assikurazzjoni biex tkopri l-kumpless kollu kif ukoll biex tkopri terzi persuni. Il-Kunsill għandu jkollu kopja ta' din il-polza u japprovaha qabel jigi iffirmat il-kuntratt.

j. Tingħata informazzjoni bil-miktub dwar l-ammont li ser jiġu offruti kull sena lill-Kunsill.

4.05 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill minħabba l-fatt li l-kontijiet tad-dawl tal-kumpless Dun Anton Sciberras qed jinħarġu fuq ismu bl-indirizz tal-Kunsill.

4.06 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi l-ARMS Ltd. tiġi nfurmata sabiex il-kontijiet tad-dawl joħorġu fuq il-Kunsill Lokali San Ġiljan u mhux fuq is-Sindku Peter Bonello.

**5 Aġġornament**

**Kwotazzjoni - Għall-preparazzjoni tas-*Sustainable Energy Action Plan* (SEAP)**

5.01 Saret riferenza għar-rakkomandazjoni tal-Perit Stephen Farrugia (MP&DC) rigward il-kwotazzjoni għall-preparazzjoni tas-Sustainable Energy Action Plan (SEAP), fejn ġiet irrakkomandata l-offerta tal-Econing Engineering Consultancy Ltd. bil-kundizzjonijiet imniżżla fir-rapport tagħhom (ara paġna 9 tar-rapport). (Ara Appendici 'B').

5.02 Wara diskussjoni qasira u fuq rakkomandazzjoni tal-Perit, il-Kunsillier Norman Vella ppropona li tingħazel l-offerta tal-Econing Engeering Consultancy Ltd., dment li jaċċetta li jiċċara l-punti ndikati mill-Perit Stephen Farrugia fir-rakkomandazjoni tiegħu.

5.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Tenders**

- **A Period Contract of Upkeep and Maintenance of Access Roads and Access only and Pedestrian Streets u**
- **Resurfacing of Roads by Public Private Partnership**

5.05 B'riferenza għat-Tenders *A Period Contract of UpKeep and Maintenance of Access Roads and Access only and Pedestrian Streets* u *Resurfacing of Roads by Public Private Partnership*, il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Perit Stephen Farrugia (MP&DC) għad irid jagħti rrakkomandazjoni tiegħu fuq dawn iż-żewġ offerti.

5.06 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ippropona illi, meta jkunu lesti l-evalwazzjoni tal-Perit Stephen Farrugia fuq iż-żewġ tenders, tintbagħat kopja tar-rakkomandazzjoni tal-Perit bl-email lill-Kunsilliera. Dawn ikollhom tmienja u erbgħin siegħa sabiex jinfurmaw l-amministrazzjoni b'xi oġġezzjonijiet. Jekk l-

amministrazzjoni ma tircievi l-ebda oġġezzjoni f'dan iż-żmien ikun ifisser li l-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazjoni tal-Perit.

5.07 Is-Sindku Peter Bonello ssekondah.

5.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2930 sa 2932 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsill ġie nfurmat illi għalkemm ser jiġu approvati l-Purchase Request Sheets il-Works Order għal xogħlijiet ta' Repair & Upkeep mhux ser tinħareġ għalissa minħabba li diġa nqabeż il-vot.

7.03 Ġie deċiż unanimament illi meta jkun hemm biżżejjed finanzi allokati tiġi rranġata l-ewwel parti tal-bankina fi Triq Luigi Apap quddiem id-Dean Hamlet.

7.04 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2930 sa 2932.

7.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

7.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.07 L-iskrivana Marisa Micallef ġiet skużata fit-3.45 pm.

## 8 Materji Oħra

8.01 Ġie deċiż unanimament li:-

- Il-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru fit-3.30 p.m.
- Tibda tiġi organizzata attivita' msejħa 'Jum Lapsi', liema attivita' kienet issir fi żmien l-imgħoddi fejn kien isir tisjir tal-fwied u jinxtorob l-inbid. Għalhekk ser jinħareġ avviż sabiex minn hu interessat fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita' biex jikkuntattja lill-Kunsill.
- Isir talba lit-Transport Malta sabiex titneħħa l-ewwel parking bay li hemm quddiem St. Helen's Flats fi Triq il-Kbira nieżel lejn is-Saddles Pub.
- Isir talba lis-Sur Oliver Lautier fi ħdan id-Dipartment tax-Xogħlijiet biex il-parapett fi Triq il-Kbira jitneħħa sabiex titwessa t-triq.
- Isir talba lid-Dipartiment tad-Drenaġġ sabiex iduru t-tappieri kollha tal-lokalita' peress li hemm minnhom iżjed l-isfel mit-triq jew iżjed għolja.
- jiġu nfurmati l-Green MT sabiex jitpoġġa dustbin ħdejn il-Waterpolo Pitch ta' San Ġiljan.

8.02 Saret riferenza għall-Minuti 35/K6/10, taqsima 3 para. 3.07 – 3.08, dwar il-formola tal-Bank of Valletta plc - 'Pledge over Life Assurance or other Insurance Policy'. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani, ġie nfurmat verbalment minn Ms Josette Micallef tal-Bank of Valletta plc, li l-Kunsill kull ma għandu bżonn jipprovdi huwa kopja tal-Insurance Policy.

8.03 Saret riferenza għall-Minuti 35/K6/10,Taqsima 2 para. 2.16 rigward allokazzjoni għas-siti ġodda tal-bring-in-sites. L-informazzjoni li rċeviet l-amministrazzjoni kienet dik tal-Kunsillier Edgar Montanaro fejn issuġġerixxa sit fi Triq il-Mensija l-ġewwa, taħt il-Bridge Manwel Dimech u dik tas-Sindku Peter Bonello fejn issuġġerixxa li jsiru 'bring-in-sies' f' dawn l-areas:

- Fi Triq Birkirkara viċin Sqaq is-Siġra
- Fi Triq William H. Prescott
- Fi Triq San Mark kantuniera ma' Triq San Mikiel viċin il-bieb ta' wara tal-Kulleġġ ta' l-Għarab
- Fi Triq il-Baħar l-Iswed qabel il-parti ta' Triq il-Ġdida fi Triq il-Baħar l-Iswed
- Triq Qalb Imqaddsa ħdejn Casa Leone
- Triq Scicluna ħdejn Balluta Buildings

8.04 Din l-informazzjoni ser tintbagħat lill-Green Mt.

8.05 Il-Kunsill ġie nfurmat li nħareġ it-tender għat-tizjin tad-dawl dekorattiv għal zmien il-Milied u dak tal-Manutenzjoni u Tindif tal-Ġonna Pubbliċi. Dawn iż-żewġt tenders jagħlqu fis-16 ta' Novembru 2010 fl-10.30 a.m.

8.06 l-Kunsillier Raymond Cachia ġie skużat fl-4.10 pm.

8.07 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fl-4.15 pm.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**